MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIO MERCIECA**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 67/2005

**Maltacom plc**

**vs**

**George Frank Farrugia u fil-5 ta' Settembru 2005 giet kjamat in kawza Emanuel Balzan**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jigi ikkundannat ihallas lis-socjeta' Maltacom plc is-somma ta' mitejn u sebghin lira Maltin (Lm270) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21560685 (Acc. No. 10227108), liema servizz gie installat fil-fond bl-isem "The Saints" Pjazza Savina, Victoria, Ghawdex skond kif jidher mill-kopja tas-service agreement li qed jigi hawn anness u immarkat bhala dokument "A".

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-prezenti, tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.”

Ra r-risposta li tghid hekk:

“Illi t-talba attrici hija nfondata fid-dritt u fil-fatt.

Illi l-konvenut ma ghandu jaghti xejn lil Maltacom plc

Illi jekk hemm xi haga dovuta lil Maltacom plc din ghandha tithallas minn Emmanuel Balzan li kien jopera n-negozju de quo.

Fil-fatt ai termini tal-procedura ta’ dan it-Tribunal l-eccipjenti qieghed jitlob illi din it-talba u eccezzjonijiet ghandha tigi notifikata lil Emmanuel Balzan.”

Ra l-verbal imnejn jirrizulta li s-sorte thallas fil-mori tal-kawza u ghalhekk it-talba qieghdha tigi ceduta fir-rigward salv l-ispejjez tal-kawza.

U billi l-kawza saret minhabba l-inadempjenza ingustifikata tal-konvenut.

Jaqta’ u jiddeciedi billi jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-talba fil-mertu billi l-mertu gie ezawrit filwaqt li jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas tal-ispejjez ta’ din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------